# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza tas-17 t'April 2023**

**Talba nru. 212/2020**

**AWTORITA' TAD-DJAR**

*VERSUS*

**CARMELO CURCURUTO**
**(KI 0271996M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talbaipprezentata fil-11 ta' Settembru 2020 l-Awtorita attrici ippremettiet illi skond ftehim datat 29 ta' Marzu 2017 l-intimat ibbenifika minn sussidju fuq il-kera ammontanti ghal elf u sitt mitt Ewro fis-sena (Eur 1600) u dan biex l-intimat ikompli jghix go post bl-indirizz 20, Triq Santa Marija, San Pawl il-Bahar. Illi peress illi f'certu zmien l-intimat mar jghix f'post iehor u baqa jibbenefika mill-istess sussidju imsemmi u fil-perjodu mill-1 ta' Gunju 2017 sat-30 ta'Novembru 2018 l-intimat ibbenefika minn sussidju li jammonta ghal Eur 2133.28 meta ma kienx intitolat ghalih. Ghaldaqstant l-Awtorita tad-Djar qed titlob lill-intimat sabiex jigi ikkundannat ihallas lura l-ammont ta' Eur 2133.28 liema ammont jirraprezenta sussidju li inghata lill-intimat meta ma kienx qed jghix fl-imsemmija residenza. Bl-Ispejjez inkluz dawk ta' l-itra ufficcjali u sekwestru.

Ra illi l-intimat ressaq risposta datata 26 ta' Novembru 2020 (Fol.9) fejn fiha eccepixxa illi kien jikri minghand Charles Dimech l-fond li fuqu huwa kien qed jircievi s-sussidju mill-Awtorita tad-Djar u li sa llum ghad ghandu l-ghamara u l-oggetti personali tieghu. Izda fiz-zmien imsemmi mill-istess Awtorita tad-Djar l-intimat kien ordnat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) biex ma jiffrekwentax l-inhawi ta' Bugibba. L-ircevuti tal-kera ghal perjodu imsemmi fit-talba kif ukoll kopja legali tad-digriet ser jigu prezentati fil-kawza u ghaldaqstant din it-talba ghandha tigi michuda.

Ra l-affidavits prezentati ta' Andrew Xuereb u Gratian Francica;

Sema x-xhieda tal-Konvenut;

Ra d-dokumentazzjoni prezentata;

Sema t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-21 ta' Gunju 2022;

Ra l-atti processwali;

Illi qabel dan it-Tribunal jghaddi ghal kunsiderazzjonijiet tieghu, ikun ghaqli li jsir riassunt tal-provi migjuba.

<u>Provi</u>

Illi l-Awtorita tad-Djar ressqet l-affidavit ta' Andrew Xuereb li jokkupa l-kariga ta' Senior Officer fejn xehed illi fl-14 ta' Jannar 2017 l-intimat kien applika ghal sussidju fuq il-kera f'residenzi privati fuq il-fond Private Drive, Triq Santa Marija, San Pawl il-Bahar. Il-kundizzjonijiet ta' l-iskema gew prezentati permezz tad-dokument (Fol.15 et seq). Klawsola 2 tal-kundizzjoinijet tghid hekk;
"*Skop ta' l-Iskema: din l-iskema tipprovdi sussidju fuq il-kera mhallsa fuq fondi mikrija bhala residenza ordinarja ta' l-applikant u l-familja tieghu*."

Klawsola 15 tkompli tistabilixxi illi:-
"*Jekk il-beneficjarju ma jibqax jghix u juza l-fond bhala r-residenza ordinarja tieghu, huwa awtomatikament: (i) jitlef id-dritt ghas-sussidju fuq il-kera ghall-perjodu ta' zmien li l-Awtorita tiffissa u dan fid-diskrezzjoni assoluta taghha u (ii) jigi suggett ghall-penalitajiet sad-doppju tas-sussidju li kien ibbenefika kif jigi stabbilit mill-Awtorita fid-diskrezzjoni assoluta taghha.*"

Klawsola 16 tistabilixxi illi meta l-applikant jiddeciedi li jivvaka r-residenza tieghu li fuqha qed tinghata ghajnuna, huwa ghandu javza b'dan lill-awtorita minn qabek u s-sussidju jigi mwaqqaf immedjatament kif l-applikant jieqaf jghix f'dik ir-residenza u jekk ikun inghata sussidju ghal dak il-perjodu dan ghandu jigi rifuz.

Ix-xhud jghid illi b'kollox bejn il-perjodu 1 ta' Gunju 2017 u 30 ta' Settembru 2018 l-intimat inghata Eur 2,133.28 bhala sussidju (Fol.28). Illi mill-karta ta' l-identita ta' l-intimat irrizulta illi huwa ma kienx qed jghix fil-fond li ghalih kien qieghed jiehu s-sussidju u li jirrizulta li l-karta ta' l-identita inbidlet fis-17 ta' Mejju 2017. L-Awtorita attrici infurmat lill-intimat bil-ksur tal-ftehim fis-6 ta' Dicembru 2018. Ir-rispsota ta' l-intimat kienet illi huwa kien mar jghix ma' bintu r-Rabat. Ix-xhud qal illi t-talba ghall-ammont ta' Eur 2133.28 tkopri l-perjodu mill-1 ta' Gunju 2017 sat-30 ta' Settembru 2018.

Fl-affidavit tieghu, ix-xhud Gratian Francica jiddikjara illi kien hemm spezzjonijiet fit-30 ta' Novembru 2018 u fid-9 ta' Jannar 2019 fl-indirizz 20, Private Dive, Triq Santa Marija, San Pawl il-Bahar kif jindikaw id-dokumenti li jinsabu a Fol. 37 sa 40, fejn il-konvenut ma kienx instab fl-indirizz fejn kien qed jiehu s-sussidju.

Fis-seduta ta' l-24 ta' Novembru 2021 xehed il-konvenut Carmelo Curcuruto fejn qal illi l-Qorti tal-Magistrati kienet taghtu l-liberta provizjorja a bazi li jmur jghix x imkien iehor u mhux Bugibba. Kellu sahansitra jbiddel l-indirizz minn fuq il-karta ta' l-identita. Ix-xhud jiddikjara illi "*allora io per 5 anni non sono stata Bugibba per niente. Questa la mia verita*." (Fol. 46) Ix-xhud jghid li kien mar jghix mat-tifla tieghu r-Rabat. Il-konvenut jghid illi huwa kellu jabbanduna d-dar ta' San Pawl il-Bahar u li qatt ma kien ser jerga jirritorna f'dan l-istess fond.

Il-konvenut ipprezenta diversi dokumenti fosthom is-sentenza li kien instab hati quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell u d-digriet tal-liberta provizorja.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi din il-kawza hija ibbazata fuq talba ghal rifuzjoni ta' sussidju li inghata mill-Awtorita attrici a favur il-konvenut fuq skema li kienet harget l-istess Awtorita tad-Djar. Ma hemm l-ebda dubju li s-sussidju thallas u li l-konvenut kien ircevih.

Illi l-kontestazzjoni tittratta l-fatt illi l-konvenut kien nieqes mill-fond numru 20, fi Triq Santa Marija, San Pawl il-Bahar li kien mikri lilu li fuqu kien qed jiehu s-sussidju minhabba li kien projbit milli jersaq lejn Bugibba u dan b'digiet tal-Qorti tal-Magistrati. Fil-frattemp il-konvenut baqa jhallas il-kirja fuq dan l-istess fond kif juru l-ircevuti ipprezentati fl-atti.

Illi min-naha l-ohra, l-Awtorita attrici targumenta illi l-kundizzjonijiet fl-iskema li a bazi taghha inghata s-sussidju, wara li l-istess konvenut accetta tramite l-firma tieghu, jistabilixxu illi kemm-il darba l-applikant ma jibqax jghix u juza l-fond bhala r-residenza ordinarja tieghu dan is-sussidju jieqaf u kwalunkwe hlas imhallas ghandu jigi rifuz lura.

Illi t-Tribunal innota illi matul ix-xhieda tieghu l-konvenut ammetta illi ma kienx qed jirrissjedi fil-fond fil-perjodu indikat mill-Awtorita attrici u li sahansitra ddikjara illi ma kellu l-ebda interess li jerga jmur lura u li kien kera appartament iehor. Izda min-naha tieghu l-konvenut jargumenta li m'ghandux jirrifondi s-sussidju lilu mhallas u dan ghaliex huwa kien kostrett. Ghall-konvenut dan ma kienx xi "kapricc" tieghu izda a bazi ta' ordni tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi t-Tribunal jifhem illi l-konvenut ma qamx gurnata minnom u ddecieda minn rajh illi ma jibqax jirrissjedi fil-fond issussidjat. Izda huwa minnu wkoll illi l-konvenut gie kostrett b'ordni tal-Qorti tal-Magistrati sabiex ma jersaqx fil-fond minhabba atti attribwibbli lilu, lil hinn minn jekk dawn l-atti humiex kriminali o meno. Il-fatt jibqa li kif ighid l-abbli difensur ta' l-Awtorita attrici, din il-kwistjoni ma tittrattax force majeure li allura l-konvenut ma kellu xejn fil-kontroll tieghu. Lanqas jista l-konvenut jiddefendi l-fatt illi ma kienx qed jirrissjedi fil-fond in kwistjoni minhabba l-istituzzjonijiet jew fora ohra li kienu qeghdin jaghmlu dmirijietu sabiex jiddefendu lis-socjeta.

Illi l-konvenut bil-firma tieghu fuq il-ftehim ta' l-iskema offruta mill-Awtorita tad-Djar kien qed jintrabat u jobbliga ruhu illi jonora dak kollu stabbiliti fl-imsemmi ftehim. Ghaldaqstant il-fatt, kienu x'kienu c-cirkostanzi, li l-konvenut ma baqax juza l-fond numru 20, fi Triq Santa Marija, San Pawl il-Bahar bhala r-residenza tieghu tikkostitwixxi ksur mill-ftehim iffirmat ma' l-istess Awtorita attrici.

Illi l-iskema fi klawsola 15(d) taghmilha cara li s-sussidju jintilef kemm-il darba l-applikant qua konvenut, ma jibqax jghix u juza l-fond bhala residenza tieghu. Issa fuq dan il-ksur lanqas hemm l-icken dubju ghaliex kien il-konvenut stess li ammetta li ghamel zmien twil ma jghix hemm ghaliex l-ewwel mar ghand it-tifla tieghu r-Rabat u wara sab appartament iehor.

Illi huwa irrelevanti ghal dan il-kaz u cioe jekk is-sussidju jkunx ghadu applikabbli jekk il-konvenut ikun ghad ghandu affarijiet personali jew ghamara gewwa l-fond. Hawnhekk si tratta biss minn ghajnuna finanzjarja li tinghata ghal min ikun qed juza fond ghal skopijiet ta' residenza ordinarja.

Huwa fatt mhux kontestat illi ghal perjodu imsemmi mill-Awtorita attrici, l-konvenut ma kienx qed jghix u/jew juza l-fond in kwistjoni bhala residenza ordinarja tieghu.

Illi matul il-kawza, l-konvenut filwaqt li accetta l-fatti kif prezentati mill-atturi, serrah id-difiza tieghu billi ipponta lejn haddiehor, f'dan il-kaz il-Qrati tal-Gustizzja li kienu l-kagun li ma baqax jghix fil-fond sussidjat. Kien jispetta illi l-konvenut jaghraf dak li kien ghaddej minnu u r-riperkussjonijet marbuta ma tali proceduri u meta gie ordnat li ma jersaqx lejn Bugibba u San Pawl il-Bahar partikolarment fi zmien twil bhal ma kien il-perjodu bejn l-1 ta' Gunju 2017 u 30 ta' Novembru 2018, jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu fil-konfront tal-kirja u sussegwentament tas-sussidju moghti.

**Decide**

Ghaldaqstant it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba ta' l-Awtorita attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut biex jhallas lill-istess Awtorita tad-Djar is-somma ta' elfejn mija tlieta u tletin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (Eur 2133.28) blimghaxijiet mit-18 ta' Marzu 2019 sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, huma kollha a kariku tal- konvenut inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali 781/2019.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur